XGHAJRA

Minuti tar-raba' laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fit-3 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Vici Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttigieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Mary Claire Depasquale |
| | |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda – Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters Arising – mill-minuti tal-laqgħa ta' qabel:
   - Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Azzopardi ppreżenta pjanti u stimi biex isir garaxx/workshop fil-Batterija Delle Grazie; kopja annessa.
   - Is-Sindku ta' spjegazzjoni tal- progress fuq xogħol li qiegħed isir madwar ix-Xgħajra fosthom fuq fejn wasal it-tender għal Recreational & Sports Centre, is-Slipway ta' ħdejn Triq l-Ispnott, xogħolijiet ta' toroq u ċerti diffikultajiet konessi ma' dawn it-toroq.
   - Il-Kunsilliera Marie Claire Depasquale irraportat li kellha lagħqa ma' tal-Meusec fejn ġiet avżata b'xi topiks ta' interess li l-Kunsill tax-Xgħajra jkunu jistu japplikaw għalihom fosthom Ġemilaġġ.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza. Fost il-korrispondenza ta' importanza:
   (a) Kwistjoni tal-MEUSEC fejn dawn qiegħdin jibagħtu numru ta' kommunikazzjonijiet.
   (b) Naming u re-naming ta' toroq li għadhom bla isem
   (c) Skema ġdida ta' galleriji tal-injam

XGHAJRA

(d) Biex il-Kunsill jiffirma d-devuluzzjoni tal-art għall-Faċilitajiet Sportivi u dan se jsir fid-Dipartiment tal-Artijiet

(e) Greenpack aċċettaw li jsiru 3 siti fejn issir separazzjoni tal-iskart li huma:

(1) Site fi Triq l-Ispnott
(2) Site ħdejn id-dressing room tan-Nursery
(3) Site f' Dawret ix-Xatt faċċata ta' Triq Carmelo Penza

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda – Ġie approvat u ratifikat fejn meħtieġ l-infieq għax-xhur ta' Settembru/Ottubru 2009.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda – Fost ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni bħal bankijiet madwar ix-Xgħajra qed isir qtugħ ta' ħaxix fil-periferiji tal-lokal permezz ta' kuntrattur kemm ukoll knies ta' toroq .

7. Item Nru 7 fuq l-aġenda – Affarijiet Oħra

(a) Se tiġi mfakkra l-użanza tal-borża ta' San Martin u dan billi tfal bejn is-sentejn (2) u l-għaxar (10) snin jingħataw borża bi frott, lewż u ġellewż. Din se ssir fl-14 ta' Novembru 2009 mill-10 sal-11 ta' fil-ghodu fiċ-ċentru tal-Kunsill fi Triq San Ġakbu. Il-Kunsilliera kollha huma mistiedna li jkunu preżenti.

(b) Se ssir ħarġa kulturali f'kumpless fis-Siġġiewi fejn jitrabbew u jiġu mħarrġa falkuni u barbaġanni

(ċ) Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Azzopardi jirringrazzja lill-Kunsill għall-kondoljanzi li ngħatawlu mħabba l-mewt tal-għażiża ommu.

(d) Ittieħded reżuluzzjoni biex issir By law biex jiġu mħallsa flus minn entitajiet privati biex jistabilixxu għamara u equipment f'siti fix-Xgħajra u li huma siti pubbliċi. Il-Kunsilliera Marie Claire Depasquale se tidiskutti mad-Dipatiment tal-Kunsilli Lokali l-aħjar mod sabiex din il-by law  tkun tista tigi mplementata.

(e) Se jintbagħtu kartolini ta' awgurju għall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena lil kull familja residenti u li dawn il-kartollini jinxtraw minn xi għaqda ta' karita'.

(f) Is-sindku esprima il-fehma tiegħu li meta jssiru xi lmenti minn residenti dawn għandhom ikunu r-rekordjati fuq formola tal-ilmenti sabiex issir statistika aġġornata.

8. Item Nru 8 fuq l-aġenda – Aġġornament – Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta l-1 ta' Diċembru 2009 fil-5.30 p.m.

______________________________ ______________________________

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt